



Brussell, 15 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

13453/20

AGRI 448
PESTICIDE 42
SEMENCES 17
AGRILEG 158

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 13439/20 AGRI 446 PESTICIDE 40 SEMENCES 15 AGRILEG 156	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-evalwazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu tal-pestiċidi

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rapport tar-REFIT tal-Kummissjoni, kif approvati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fil-15 ta' Diċembru 2020.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL dwar IR-RAPPORT MILL-KUMMISSJONI
LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-Evalwazzjoni tar-Regolament (KE)
Nru 1107/2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u tar-Regolament
(KE) Nru 396/2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu tal-pestiċidi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR FI:

- Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"¹;
- Il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Mill-għalqa sal-platt: it-tfassil ta' sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent"²;
- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt³;
- Il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'haġġitna"⁴;
- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità⁵;
- Ir-Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tal-miri nazzjonali stabbiliti fil-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali tagħhom u dwar il-progress fl-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/128/KE li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi⁶;

¹ COM(2019) 640 [final, dok 15051/19+ADD1](#)
² COM(2020) 381 final; dokument 8280/20+ADD1
³ Dokument 12099/20
⁴ COM(2020) 380 final; dokument 8219/20+ADD 1
⁵ Dokument 12210/20
⁶ Dokument 8238/20 + ADD 1

- Ir-Rapport tal-Parlament Ewropew (Jannar 2019) dwar il-proċedura tal-Unjoni għall-awtorizzazzjoni tal-pestiċidi (2018/2153 (INI)) - Kumitat Speċjali dwar il-proċedura tal-Unjoni għall-awtorizzazzjoni tal-pestiċidi⁷;
 - Ir-Rapport tal-Parlament Ewropew (Settembru 2018) dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 dwar il-Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti (2017/2128 (INI))⁸;
 - Id-Dokument ta' Riflessjoni tal-Kummissjoni Ewropea "Lejn Ewropa Sostenibbli sal-2030"⁹;
 - Konklużjonijiet tal-Kunsill "Lejn Strateġija tal-Unjoni rigward il-Politika dwar is-Sustanzi Kimiċi"¹⁰
1. JILQA' l-isforz li sar mill-Kummissjoni fl-eżami u l-evalwazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ("ir-Regolament dwar il-PPP") u tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali ("ir-Regolament dwar l-MRL");
 2. JIRRIKONOXXI li r-Regolament dwar il-PPP u r-Regolament dwar l-MRL jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-provvista ta' ikel sikur għal aktar minn 440 miljun ċittadin Ewropew, filwaqt li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni, ibbażata fuq ix-xjenza, għall-ambjent u s-saħħa tal-bniedem u tal-annimali; JAGĦRAF li l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jista' jinvolvi riskji u perikli għall-bnedmin, għall-annimali u għall-ambjent;
 3. JIĠBED L-ATTENZJONI għall-kuxjenza li dejjem qed tikber fis-soċjetà rigward il-ħtieġa mhux biss ta' ikel sikur u affordabbli iżda wkoll prodott b'mod sostenibbli u lokali u JAPPOĠĠA lill-Kummissjoni fl-intenzjoni tagħha li timminimizza l-impatt tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent billi tiffoka fuq metodi alternattivi kif ukoll fuq prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju baxx u mhux kimiċi;

⁷ A8-0475/2018

⁸ A8-0268/2018

⁹ COM(2019)22 tat-30 ta' Jannar 2019

¹⁰ Dokument 10713/19

4. JILQA' b'mod ġenerali l-azzjonijiet diġà ppjanati mill-Kummissjoni għal aktar trasparenza u għal implimentazzjoni u allinjament aħjar tal-leġislazzjonijiet rilevanti u JIKKONDIVIDI ħafna mis-sejbiet u l-kunsiderazzjonijiet tal-evalwazzjoni;
5. JINNOTA l-livell għoli ta' ambizzjoni tal-miżuri kkunsidrati fir-rapport u JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħtu prijetà lil dawk l-oqsma fejn jista' jsir titjib li huma kruċjali biex issir il-bidla lejn prodotti aktar sostenibbli għall-protezzjoni tal-pjanti u metodi alternattivi b'enfasi fuq id-disponibbiltà ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju baxx u mhux kimiċi;

Protezzjoni aħjar tas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent

(Implimentazzjoni aħjar - l-indirizzar tad-dewmien u ż-żieda fit-trasparenza)

6. JIRRIKONOXXI l-problema tad-dewmien fil-proċeduri ta' evalwazzjoni u approvazzjoni u JINNOTA r-responsabbiltà tal-partijiet kollha involuti biex jintlaħqu l-miri u l-iskedi ta' żmien taż-żewġ regolamenti. F'dan ir-rigward, IFAKKAR li l-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli r-riżorsi jew l-arranġamenti meħtieġa lill-awtoritajiet kompetenti biex iwettqu l-kompiti tagħhom u JĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-abbozzi tar-Regolamenti dwar is-sustanzi attivi u l-MRLs jitressqu għall-vot kemm jista' jkun malajr ladarba jkunu saru disponibbli l-valutazzjonijiet tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA);
7. JINNOTA li l-esperjenza wriet li l-iskedi ta' żmien stabbiliti fir-Regolament dwar il-PPP saru ta' sfida, fost oħrajn fir-rigward tar-rekwiżiti għat-teħid tad-deċiżjonijiet, il-kontenut u t-tqassim tar-rapporti ta' valutazzjoni, u kollaborazzjoni estiża fil-livell tal-UE jew fil-livell ta' żona;
8. JENFASIZZA li l-Kummissjoni, l-EFSA, u l-Istati Membri flimkien għandhom jużaw kull mezz meħtieġ biex ikomplu jtejbju u jottimizzaw l-implimentazzjoni tal-proċeduri appoġġati b'linji gwida u kriterji ta' evalwazzjoni u jagħmlu sforzi biex isegwu l-iskadenzi legali;

9. JENFASIZZA l-ħtieġa li l-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-EFSA jwieġbu għal riskji u tħassib emerġenti ġodda, bħal pereżempju r-reżistenza inkroċjata u n-newrotossiċità;

(Implimentazzjoni mtejba tal-kriterji ta' limitu)

10. JAQBEL mar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni li l-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-Artikolu 11(4) tar-Regolament (UE) Nru 844/2012 u jkomplu l-valutazzjoni tar-riskju sħiħa biss jekk is-sustanzi attivi ma jissodisfawx il-kriterji ta' limitu jew jekk tiġi invokata mill-inqas waħda mill-possibbiltajiet ta' deroga għall-approvazzjoni tagħhom. Barra minn hekk, JINNOTA li l-istess prinċipju japplika fil-kuntest tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u l-Artikolu 11(4) tar-Regolament (UE) 2020/1740. F'dan il-kuntest, IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tiffinalizza d-dokument ta' gwida dwar l-esponiment negliġibbli;
11. JIRRIMARKA li jistgħu jsiru meħtieġa d-determinazzjoni tal-punti ta' tmiem tossikoloġiċi, id-definizzjonijiet tar-residwi u l-metodi analitiċi għas-sustanzi li jissodisfaw il-kriterji ta' limitu, b'mod partikolari għall-valutazzjoni tat-talbiet għat-tolleranzi tal-importazzjoni u l-finijiet tal-infurzar;

(Simplifikazzjoni tal-valutazzjoni komparattiva tal-kandidati għas-sostituzzjoni)

12. JILQA' l-fatt li l-Kummissjoni ser tipproponi emenda għall-Anness IV tar-Regolament dwar il-PPP lill-Istati Membri sabiex tittejjeb l-effettività tal-valutazzjonijiet komparattivi ta' prodotti li fihom kandidati għas-sostituzzjoni fi tmiem l-2021 u JAPPELLA lill-Istati Membri biex jikkontribwixxu għal dan il-proċess;

(Valutazzjoni kumulattiva tar-riskju)

13. JAGĦRAF li r-risultati tal-monitoraġġ dwar ir-residwi tal-pestiċidi wrew konformità għolja mal-MRLs stabbiliti u għalhekk li l-ikel disponibbli għall-konsumaturi huwa meqjus ikkontrollat sew u sikur;
14. JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiżviluppa pjan ta' azzjoni sa tmiem l-2020, li jistabbilixxi l-prijoritajiet għall-ħidma li għaddejjja dwar il-metodoloġija u l-implimentazzjoni ta' valutazzjoni kumulattiva tar-riskju u JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiżdiedu l-isforzi f'dan il-qasam;

15. JENFASIZZA l-ħtieġa ta' rieżami regolari tal-progress xjentifiku u l-valutazzjoni tiegħu fid-dawl ta' implimentazzjoni progressiva tal-valutazzjoni kumulattiva tar-riskju fil-prattika tal-ġestjoni tar-riskju, filwaqt li jitqies l-impatt potenzjali fuq l-iskedi ta' żmien regolatorji u r-riżorsi disponibbli;

(Monitoraġġ Ambjentali u Bijoloġiku)

16. JILQA' l-monitoraġġ tal-konċentrazzjonijiet u l-effetti ambjentali, u JĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tagħmel użu mill-programmi ta' monitoraġġ li diġà huma fis-seħħ taħt l-oqfsa legali eżistenti u biex tiżviluppa aktar il-pjanijiet ta' monitoraġġ;
17. F'dan il-kuntest, JIRRAKKOMANDA koordinazzjoni fil-livell tal-UE għall-monitoraġġ tal-effetti u l-impatti ta' sustanzi attivi sabiex l-informazzjoni tiġi vvalutata u tinġieb għall-attenzjoni tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri, fejn dan ikun meħtieġ;
18. JIPPROWVI fehim aħjar tal-impatt reali tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fuq l-ekosistemi sabiex iwassal għal teħid ta' deċiżjonijiet għaqli; u JĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tiżviluppa gwida dwar kif jiġu inkorporati r-riżultati tal-monitoraġġ fil-valutazzjoni tar-riskju;

(Definizzjoni tal-Għanijiet ta' Protezzjoni Ambjentali u Aġġornament tad-Dokumenti ta' Gwida)

19. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tiżviluppa metodoloġija biex tiddefinixxi miri speċifiċi għall-protezzjoni ambjentali, pereżempju biex tkompli ttejjeb il-konsiderazzjoni tal-bijodiversità fil-proċess tal-valutazzjoni tar-riskju. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u lill-EFSA jaġġornaw id-dokumenti ta' gwida dwar il-metodoloġiji tal-valutazzjoni tar-riskju fid-dawl tal-progress xjentifiku, inkluż b'mod partikolari l-gwida dwar il-protezzjoni tan-naħal u dakkara oħra, filwaqt li jitqiesu l-feedback tal-Istati Membri u l-fattibbiltà teknika tal-implimentazzjoni;

Il-kompetittività u s-suq intern

(Titjib tas-sistema żonali għall-awtorizzazzjonijiet tal-PPPs)

20. JAQBEL li t-tisħiħ tal-kooperazzjoni żonali ser jappoġġa l-funzjonament tal-awtorizzazzjonijiet żonali u JIĠBED L-ATTENZJONI għar-responsabbiltajiet proprji tal-Istati Membri li jżidu l-fiduċja reċiproka fil-valutazzjoni tar-riskju u d-deċiżjonijiet ta' xulxin, li għandhom iqisu l-kontribut mill-Istati Membri li huma membri taż-żona;
21. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li jiġu permessi rekwiżiti nazzjonali, pereżempju dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, f'konformità mar-regoli tar-Regolament 1107/2009;

(Soluzzjonijiet għal użi minuri)

22. JILQA' l-isforzi tal-Kummissjoni fir-rigward ta' soluzzjonijiet għal użi minuri, eż. ir-reviżjoni dinamika tal-Linji Gwida dwar l-Estrapolazzjoni għall-użu aktar mifrux tar-riżultati mill-provi tar-residwi filwaqt li JĦEĠĠEĠ aktar inizjattivi u ftehimiet dwar għelejjel b'użu minuri;
23. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri biex jiżguraw il-ħidma tal-Faċilità għall-Koordinazzjoni tal-Użi Minuri u JISTIENEN lill-Kummissjoni biex tkompli tappoġġa l-inizjattivi tal-Istati Membri dwar it-titjib tal-effiċjenza fil-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għal użu minuri;

Awtorizzazzjonijiet ta' emerġenza

(Żieda fis-sorveljanza tal-awtorizzazzjonijiet ta' emerġenza)

24. JENFASIZZA li hija meħtieġa analiżi aktar dettaljata dwar is-sitwazzjoni ta' emerġenza biex jintwerew ir-raġunijiet għall-awtorizzazzjonijiet ta' emerġenza, li huma fost oħrajn in-nuqqas ta' applikazzjonijiet regolari għall-awtorizzazzjoni tal-PPP;

25. JAPPOĠĠA proċedura aktar mgħaġġla u aktar reattiva biex jiġu stabbiliti MRLs temporanji u aċċettati madwar l-UE kollha b'rabta ma' kwistjonijiet ta' emerġenza u JIRRAKKOMANDA li jekk diġà qed tittieħed azzjoni rapida mill-Kummissjoni, l-istabbiliment ta' MRLs nazzjonali għandu jiġi evitat kemm jista' jkun;

(Tnaqqis ulterjuri tal-ħtieġa għall-ittestjar fuq animali vertebrati)

26. JILQA' l-isforzi u l-kisbiet fit-tnaqqis tal-ittestjar fuq l-animali. Madankollu, JAPPELLA GĦAL tisħiħ ta' dawn l-isforzi u għalhekk JAPPOĠĠA lill-Kummissjoni fl-iżvilupp ulterjuri ta' gwida u metodi, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu ta' read across biex jiġi limitat l-użu tal-ittestjar fuq l-animali;

Is-sostenibbiltà tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u tal-prodotti b'riskju baxx

(Promozzjoni ta' protezzjoni sostenibbli tal-pjanti, soluzzjonijiet b'riskju baxx u mitigazzjoni effiċjenti tar-riskju)

27. JIRRIKONOXXI l-kisbiet fil-promozzjoni ta' sustanzi attivi b'riskju baxx inkluż semjokimiċi u sustanzi bażiċi kif ukoll mikroorganiżmi u JILQA' r-riflessjonijiet li għaddejjin rigward il-prinċipji u l-kriterji għal dawn is-sustanzi b'kont meħud tal-okkorrenza naturali tagħhom, fejn rilevanti;

28. JENFASIZZA li d-disponibbiltà ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju baxx hija kruċjali biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tappoġġa inizzjattivi tal-Istati Membri għall-iżvilupp ta' gwida għall-proċedura ta' awtorizzazzjoni aċċellerata fi żmien 120 jum li hija prevista għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju baxx, inkluż l-istabbiliment tal-MRL;

29. IFAKKAR li sustanzi bażiċi u metodi mhux kimiċi jistgħu jkunu utli għall-protezzjoni tal-pjanti bħala għodod komplementari u li tali alternattivi għandhom jiġu promossi skont il-prinċipji tal-ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara minqaxa fid-Direttiva 2009/128;

30. JAPPOĠĠA l-inizjattivi ta' taħriġ taħt Taħriġ Imtejjeb għal Iżjed Sikurezza fl-Ikel (BTSF), pereżempju għall-valutazzjoni ta' sustanzi attivi mhux kimiċi jew għall-implimentazzjoni ta' dokumenti ta' gwida dwar il-valutazzjoni tar-riskju, u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tkompli dawn l-inizjattivi ta' taħriġ f'oqsma rilevanti;

Infurzar

(Infurzar aħjar tar-Regolament dwar il-PPP u r-Regolament dwar l-MRL)

31. JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiċċara sa tmiem l-2021 l-ambitu tat-terminu "ċirkostanzi eċċezzjonali" għall-istabbiliment ta' MRLs temporanji sabiex fil-futur jiġi evitat nuqqas ta' ftehim u dewmien f'dan ir-rigward u JAPPOĠĠA l-isforz rigward l-eżami tal-possibbiltajiet għall-aċċettazzjoni ta' MRLs speċifiċi stabbiliti taħt qafas legali differenti;
32. JAPPOĠĠA lill-Kummissjoni biex tkompli tagħti l-mandat lill-EFSA mingħajr dewmien biex tirrevedi l-MRLs f'każ li l-limiti tossikoloġiċi jkunu tnaqqsu minħabba l-eżitu attwali ta' valutazzjoni tar-riskju u meta jkun hemm indikazzjonijiet li dan jista' jikkostitwixxi riskju potenzjali għall-konsumaturi;
33. JIEĦU NOTA tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni, li ma ġie identifikat ebda riskju potenzjali, li jirriżulta fil-ħtieġa li jiġu stabbiliti MRLs speċifiċi għall-ġhalf, il-ħut u l-prodotti pproċessati u JĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri biex jimmonitorjaw dawn il-prodotti bażiċi taħt il-programmi nazzjonali tagħhom u jirrappurtaw dawn is-sejbiet lill-Kummissjoni għal segwitu ulterjuri;
34. JITLOB lill-Kummissjoni tikkunsidra l-iżvilupp ta' xi ftit ta' gwida dwar l-applikazzjoni tal-MRLs attwali għall-ġhalf ipproċessat biex tiżgura azzjoni ta' infurzar aktar armonizzata meħuda mill-Istati Membri, qabel ma tqis l-iffissar ta' MRLs legalment vinkolanti għall-prodotti bażiċi użati esklużivament għall-produzzjoni tal-ġhalf tal-annimali;
35. JAPPROVA l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiċċara d-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar l-MRL għall-prodotti pproċessati, inkluż l-użu ta' fatturi tal-ipproċessar, u li tipprovdi xi ftit ta' gwida lill-Istati Membri u lill-operaturi tan-negozji tal-ikel;

36. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tivvaluta l-ħtieġa u l-fattibbiltà tal-istabbiliment ta' fatturi ta' pproċessar armonizzati fir-Regolament dwar l-MRL, b'kont meħud ukoll tal-azzjoni proposta fil-paragrafu preċedenti;
37. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jiġġieldu kontra l-kummerċ illegali ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ffalsifikati jew mhux awtorizzati;

Reazzjonijiet iktar rapidi għall-kwistjonijiet emerġenti u għall-progress tekniku fil-kuntest tar-Regolament dwar l-MRL

38. JAPPREZZA l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tibda tesplora soluzzjonijiet rigward l-integrazzjoni ta' sustanzi attivi mhux kimiċi ġodda fl-Anness tar-Regolament dwar l-MRL u b'hekk tippermetti aktar flessibbiltà u adattament possibbli għall-progress tekniku;

Il-kummerċ internazzjonali

(Użu tad-diplomazija ekoloġika biex nippromwovu l-aġenda ekoloġika tagħna għall-pestiċidi)

39. JAQBEL li l-UE għandha tippromwovi l-eliminazzjoni gradwali fil-livell globali tal-użu ta' sustanzi attivi li ma għadhomx approvati fl-UE u tippromwovi sustanzi u alternattivi b'riskju baxx fil-livell internazzjonali f'konformità mal-Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku, li ser jikkontribwixxi għall-oġettivi tal-UE fir-rigward tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent;
40. JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tirrevedi t-tolleranzi tal-importazzjoni għall-pestiċidi u li tqis l-effetti ambjentali, meta tivvaluta t-talbiet għal tolleranzi tal-importazzjoni (għal sustanzi li ma għadhomx approvati fl-UE) f'konformità mal-istandards u l-obbligi tad-WTO u JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li dan l-approċċ jiġi spjegat u promoss f'fora internazzjonali differenti bil-ħsieb ta' kunsens u trasparenza;

41. JAQBEL mal-intenzjoni tal-Kummissjoni li tikkunsidra, jekk ikun hemm bżonn, reviżjoni tar-Regolament dwar l-MRL, rigward l-inklużjoni ta' aspetti ambjentali fl-istabbiliment tat-tolleranzi tal-importazzjoni u t-trasferiment tal-Limiti Massimi ta' Residwi tal-Codex (CXLs) fil-liġi tal-UE;
42. JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tikkontribwixxi f'livell internazzjonali għall-iżvilupp ta' metodoloġiji tal-valutazzjoni tar-riskju u tal-ġestjoni tar-riskju biex jiġi ffaċilitat l-allinjament tal-MRLs tal-UE mas-CXLs;

Il-koerenza interna u l-konsistenza ma' leġiżlazzjoni oħra tal-UE

(Żieda fil-koerenza interna u l-konsistenza mal-leġiżlazzjoni tal-UE)

43. JILQA' kwalunkwe sforz favur aktar koerenza interna u konsistenza mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE;
44. JAPPOĠĠA l-armonizzazzjoni tal-MRLs li jkopru sustanzi b'użu doppju/multiplu fir-Regolament dwar l-MRL ma' leġiżlazzjoni settorjali oħra għall-istess sustanza;
45. JIRRIMARKA li r-Regolament dwar l-MRL jidher li huwa regolament xieraq biex jiġu stabbiliti MRLs għall-bijoċidi, peress li r-residwi tagħhom jirriżultaw minn użu intenzjonat u f'dan ir-rigward huma aktar komparabbli mar-residwi tal-pestiċidi milli mal-kontaminanti;
46. JAGĦRAF li s-sustanzi jistgħu jintużaw għall-kontroll ta' organiżmi ta' ħsara u mard kemm bħala prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jew inkella bħala bioċida f'ċirkostanzi simili u għalhekk JAPPELLA lill-Kummissjoni biex – f'konformità mal-prinċipju ta' "sustanza waħda, valutazzjoni waħda" – tesplora kif il-valutazzjoni ta' sustanzi attivi skont ir-Regolament (KE) 528/2012 (ir-Regolament dwar il-Bijoċidi) tista' tiġi aċċettata b'mod reċiproku fi proċedura effiċjenti skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, li eventwalment jista' jwassal għall-allinjament ta' ċerti prinċipji ta' sikurezza u rekwiżiti tad-data.

47. JIRRIKONOXXI l-inkonsistenza bejn, minn naħa, il-kriterji ta' limitu bbażati fuq il-periklu tar-Regolament dwar il-PPP u, min-naħa l-oħra, l-istabbiliment ta' tolleranzi tal-importazzjoni bbażati fuq valutazzjoni tar-riskju skont ir-Regolament dwar l-MRL u JAPPOĠĠA l-isforzi tal-Kummissjoni biex ittejjeb iċ-ċarezza dwar l-impatti tal-kriterji ta' limitu fuq l-MRLs għas-sustanzi kkonċernati;
48. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tiżgura li, fejn ikun adatt, sustanzi attivi u sustanzi bażiċi ġodda jiġu approvati malajr għall-biedja organika billi jiġi adattat l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 889/2008.
-